# Il-benefiċċju għal korriment

NISSOKTAW bil-ħarsa tagħna lejn il-benefiċċji soċjali li jingħataw għal żmien qasir. Wara li l-ġimgħa l-oħra tkellimna dwar il-Benefiċċju għal Diżimpjieg, illum nagħtu ftit tagħrif dwar il-Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol.

Ma nistax ma nirringrazzjax lill-kollega tiegħi Anton Cesare (Assistent Direttur għal Customer Care) li għal darb'oħra tani għajnuna kbira biex inwassal it-tagħrif tal-lum kif għamlet is-sinjura Charmaine Cini, li taħdem fis-Sezzjoni tal-Korrimenti Industrijali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali f'Għawdex.

### X'inhu l-benefiċċju għal korriment fuq ix-xogħol?

Dan il-benefiċċju jista' jitħallas lil persuna li tkun sofriet korriment personali kkawżat minn inċident li jirriżulta waqt li tkun fix-xogħol tagħha jew meta tkun żviluppat xi marda minħabba n-natura tax-xogħol tagħha. Dan sakemm id-Direttur tas-Sigurtà Soċjali jkun sodisfatt permezz ta' evidenza medika li din il-marda kienet fil-fatt ikkawżata min-natura tax-xogħol.

Persuna assigurata li ma tkunx laħqet l-età tal-irtirar u mhux qed tirċievi benefiċċju ieħor jew pensjoni tista' tkun eliġibbli għall-Benefiċċju tal-Korriment, jekk ikunu sodisfatti l-kriterji li se nsemmi. Il-korriment irid ikun iċċertifikat li jagħmel l-applikant inkapaċi għax-xogħol għal aktar minn tlett ijiem.

### It-test tal-kontribuzzjonijiet

Dan il-benefiċċju, għalkemm huwa kontributorju, għandu test tal-kontribuzzjonijiet pjuttost sempliċi u differenti minn ta' dawk tal-benefiċċju għal mard jew benefiċċju għal diżimpjieg.

Fil-fatt dan il- benefiċċju tal-korriment jista' jitħallas sakemm tkun ħallset imqar kontribuzzjoni waħda.

Fil-verità, f'każ li persuna tweġġa' fl-ewwel jum tal-ewwel impjieg tagħha u għalhekk tkun għadha ma ħallsitx kontribuzzjoni waħda, hija xorta tista' titħallas dan il-benefiċċju għax il-kontribuzzjoni tkun dovuta u meqjusa li eventwalment se titħallas u dan jipprovdi l-kopertura meħtieġa għal din il-kontinġenza.

### Kif issir it-talba?

Biex persuna tappplika għal dan il-benefiċċju trid timla' l-formola NI30 u tippreżentaha lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-korriment. Importanti li l-applikazzjoni tasal fiż-żmien stipulat għax inkella dan jista' jfisser li t-talba għall-benefiċċju tkun miċħuda. Il-formola tal-applikazzjoni tista' tinkiseb mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jew minn kwalunkwe Uffiċċju Distrettwali tal-istess Dipartiment kif ukoll tista' titniżżel mill-websajt tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja (http://mfss.gov.mt).



Fil-każ fejn il-persuna korruta tkun impjegata l-applikazzjoni għandha tkun iffirmata minn tabib kuranti, fejn irid jindika n-natura tal-gravità u t-tul ta' żmien mistenni għall-fejqan (konvalixxenza). Barra minn hekk, l-applikazzjoni trid tkun kontro-iffirmata mill-prinċipal tagħha.

Fil-każ ta' persuna li taħdem għaliha nnifisha, l-applikazzjoni trid tkun kontro-iffirmata minn uffiċjal tal-pulizija fejn dan irid jikkorrabora r-rendikont mogħti mill-applikant dwar kif seħħ l-inċident.

### L-evalwazzjoni medika

Meta t-talba għall-Benefiċċju tal-Korriment fuq ix-xogħol tasal fid-Dipartiment, it-Taqsima tal-Korrimenti Industrijali teżamina l-każ biex ikun żgurat li l-inċident seħħ waqt ix-xogħol. Kif meħtieġ, il-każ imbagħad ikun riferut lil bord mediku maħtur apposta. Ir-rwol tal-bord mediku huwa li jeżamina t-talba minn perspettiva medika u jistabbilixxi jekk il-korriment huwiex konsegwenza ta' inċident fuq ix-xogħol jew le u jistma l-perjodu mistenni ta' fejqan.

Fil-każ ta' marda industrijali l-azzjoni tittieħed l-istess kif imsemmi hawn fuq bid-differenza li l-persuna tista' tapplika għall-benefiċċju fi żmien tliet xhur mid-data li fiha tkun żviluppatilha l-marda, liema marda trid tkun waħda minn dawk elenkati fis-Seba' Skeda tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

### Kontribuzzjonijiet akkreditati

Il-kontribuzzjonijiet akkreditati bħala riżultat ta' korriment fuq ix-xogħol jingħataw taħt l-istess kriterji kif spjegajt fl-artikli tiegħi dwar il-benefiċċji għal mard u għal diżimpjieg. Infakkar li dawn il-kontribuzzjonijiet akkreditati huma importanti ħafna għax għal fini tal-mod kif jinħadmu l-benefiċċji kontributorji, inkluż il-pensjonijiet, dawn jitqiesu qishom imħallsin.

Fil-każ tal-Benefiċċju għal Korriment fuq ix-xogħol, tingħata kontribuzzjoni akkreditata lil kull persuna impjegata għal kull ġimgħa sħiħa li tkun qiegħda tirċievi l-benefiċċju. Anke persuna li taħdem għal rasha hija intitolata għall-kontribuzzjonijiet akkreditati bl-istess mod.

### Il-ħlas tal-benefiċċju

Id-dritt għall-ħlas tal-Benefiċċju għal Korriment fuq ix-xogħol dejjem jibda mir-raba' jum ta' wara d-data li fiha jkun seħħ il-korriment. Il-ħlas isir sa data jew dati stabbiliti mill-bord mediku, jekk isir aktar minn eżami mediku wieħed. Fil-fatt il-ħlas jista' jitkompla wkoll għall-perjodi bejn eżami mediku u ieħor jekk ikun korriment li l-konvalixxenza tiegħu tieħu żmien relattivament twil. Il-ħlas jista' wkoll jitkompla mill-aħħar eżami mediku li jsir sad-data qabel ma l-persuna tidħol mill-ġdid għax-xogħol.

Il-pagamenti lill-benefiċċjarji jsiru b'depożiti diretti f'kont bankarju tal-għażla tal-benefiċċjarju. Kull meta l-bord mediku jistabbilixxi li l-persuna ma tissodisfax id-dispożizzjonijiet ta' dan il-benefiċċju hija tkun infurmata bil-miktub. Il-ħlas tal-benefiċċju jista' jkun miċħud jekk jirriżulta li l-inċident fuq ix-xogħol ikun seħħ minħabba nuqqasijiet jew traskuraġni min-naħa tal-persuna korruta.

Anke fil-każ ta' dan il-benefiċċju, jekk persuna tkun infurmata li m'għandhiex dritt għalih, hija tista' tagħmel appell quddiem l-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali, skont kif ikun indikat fuq l-ittra li tirċievi, fi żmien 30 jum minn din l-ittra.

### Ir-rata tal-ħlas

Intenni li r-rata tal-benefiċċji kontributorji li jitħallsu għal żmien qasir tiġi stabbilita għal kull jum u mhux fil-ġimgħa bħalma huma l-pensjonijiet, il-benefiċċji u l-għajnuniet l-oħrajn. Fil-każ tal-Benefiċċju għal Korriment fuq ix-xogħol, persuna li tissodisfa l-kriterji msemmijin fuq tkun intitolata għal mhux aktar minn 260 jew 312-il jum ta' benefiċċju bir-rata stabbilita.Dan fi kliem ieħor ifisser mhux aktar minn sena sħiħa ta' benefiċċju kkalkulat bil-ħamest ijiem jew bis-sitt ijiem fil-ġimgħa, skont kemm jiem fil-ġimgħa taħdem il-persuna.

Ir-rata kuljum tal-Benefiċċju għal Korriment fuq ix-xogħol għal ġenitur singlu jew persuna miżżewġa li tmantni lill-konjugi li ma jaħdimx jew ma taħdimx fultajm hija ta' €26.85.

Dan ifisser li għal min jaħdem sitt ijiem fil-ġimgħa, għal ġimgħa sħiħa jirċievi benefiċċju ta' €161.10 waqt li għal min jaħdem ħamest ijiem fil-ġimgħa, għal ġimgħa sħiħa jirċievi €134.25.

Fil-każ tal-persuni l-oħra, inkluż dawk singoli, ir-rata imħallsa hija ta' €20.20 kuljum. Dan ifisser li għal min jaħdem sitt ijiem fil-ġimgħa, għal ġimgħa sħiħa jirċievi €121.20 waqt li għal min jaħdem ħamest ijiem fil-ġimgħa, għal ġimgħa sħiħa jirċievi €101.00.

Tajjeb li jingħad li f'każ li l-konvalixxenza tieħu aktar minn sena u allura ikun eżawrit il-ħlas kollu tal-Benefiċċju għal Korriment fuq ix-xogħol, il-persuna tista' tkun intitolata għal ħlas tal-Benefiċċju għal Mard. Dwar kif dan il-benefiċċju jitħallas, ara l-artiklu tiegħi f'**l-orizzont** tal-5 ta' Ottubru 2010.

### X'jiġri f'każ ta' diżabbiltà permanenti?

Jekk wara 12-il xahar jirriżulta li l-persuna tkun sofriet diżabbiltà permanenti, hija tkun tista' tapplika għal Għotja għal Korriment fuq ix-xogħol jew Pensjoni għal Korriment fuq ix-xogħol, skont il-gravità tal-każ. F'kull każ il-grad ta' diżabbiltà jew inkapaċità permanenti jiġi stmat mill-bord mediku maħtur skond it-termini ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

Dan isir wara li l-persuna tkun għamlet talba bil-miktub għal evalwazzjoni tad-diżabbiltà jew inkapaċità permanenti tagħha li trid tkun issostanzjata b'ċertifikati ta' speċjalista mediku.

Jekk il-grad ta' diżabbiltà jew inkapaċità permanenti jkun stmat li hu bejn 1% u 19%, il-benefiċċjarju jirċievi somma flus ta' darba ekwivalenti għal €219.24 għal kull wieħed fil-mija (1%) ta' diżabbiltà jew inkapaċità permanenti. Mela jekk biex nagħtu eżempju, persuna li tkun korriet fuq ix-xogħol jirriżulta li għandha 5% ta' diżabbiltà jew inkapaċità permanenti, hija tirċievi somma flus ta' €1096.20 (€219.24 x 5). Dan ifisser allura li l-benefiċċjarju jista' jirċievi s-somma massima possibbli ta' €4165.56 (€219.24 x 19).

Jekk il-grad ta' diżabbiltà jew inkapaċità permanenti jkun stmat li hu aktar minn 19% iżda mhux aktar minn 89%, l-applikant ikun intitolat għal Pensjoni għal Korriment fuq ix-xogħol. L-anqas rata ta' din il-pensjoni hija ta' €14.20 fil-ġimgħa (imħallsa lil min jirriżulta li jkollu grad ta' diżabbiltà jew inkapaċità permanenti ta' 20%) waqt li l-ogħla rata ta' din il-pensjoni hija ta' €63.19 fil-ġimgħa (imħallsa lil min jirriżulta li jkollu grad ta' diżabbiltà jew inkapaċità permanenti ta' 89%). Din il-pensjoni tibqa' titħallas anke jekk il-persuna tirritorna għax-xogħol iżda tieqaf malli tibda titħallas il-Pensjoni għal Invalidità jew il-Pensjoni għal Irtirar.

F'każ li l-bord mediku jkun tal-parir li l-grad ta' diżabbiltà jew inkapaċità permanenti jkun ta' 90% jew aktar, il-persuna tkun intitolata għal Pensjoni għal Invalidità sħiħa. Għal aktar tagħrif dwar il-Pensjoni għal Invalidità, ara l-artiklu tiegħi f'**l-orizzont** tas-27 ta' Lulju 2010.

Importanti li jingħad ukoll li jekk persuna tmut b'diżgrazzja fuq il-post tax-xogħol jew bħala riżultat ta' korriment fil-qadi ta' dmirijietha waqt li tkun qed taħdem, il-konjugi tingħata jew jingħata Pensjoni tar-Romol sħiħa, anke jekk il-konjugi li jkun miet ma jkunx laħaq ħallas il-kontribuzzjonijiet kollha dovuti minnu jew minnha. Għal aktar tagħrif dwar il-Pensjoni tar-Romol, ara l-artiklu tiegħi f'**l-orizzont** tat-13 ta' Lulju 2010.

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika m'hijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

## Kont taf li...

• L-Għotja għal Żwieġ tingħata lil dawk il-persuni li jiżżewġu u jissodisfaw il-kriterji taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. L-applikazzjoni għal Għotja għal Żwieġ trid tasal fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fi żmien sitt xhur mid-data taż-żwieġ. L-applikazzjoni tista' tingħabar minn wieħed mill-Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, mit-Taqsima tal-Customer Care tad-Dipartiment fi 72, Triq Melita, il-Belt, jew mill-websajt tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja (http://mfss.gov.mt);

• Meta koppja tapplika għal din l-għotja m'hemmx il-ħtieġa li tippreżenta ċertifikat taż-żwieġ sakemm iż-żwieġ ikun irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta. Madankollu, meta ż-żwieġ ma jkunx irreġistrat f'Malta, ikun meħtieġ iċ-ċertifikat taż-żwieġ bħala prova;

• Biex persuna tikkwalifika għal din l-għotja trid talanqas ikollha 26 kontribuzzjoni mħallsa bħala persuna impjegata jew għal rasha qabel id-data taż-żwieġ kif ukoll tkun residenti ordinarja f'Malta. Persuna li tkun itterminat iż-żwieġ tagħha legalment u terġa' tiżżewweġ tkun intitolata mill-ġdid għal din l-għotja bil-kundizzjoni li bejn żwieġ u ieħor hija kienet impjegata jew taħdem għaliha nnifisha għal mhux anqas minn sitt xhur u kienet qed tħallas il-kontribuzzjoniet f'dan il-perjodu.

• Is-somma ta' darba li titħallas għal kull persuna hija ta' €249.12. Jiġifieri koppja miżżewġa li t-tnejn jissodisfaw il-kundizzjonijiet fuq imsemmija jirċievu €498.24. F'każ li persuna waħda biss mill-koppja tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmijin, titħallas is-somma msemmija qabel, jiġifieri €249.12.

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont, A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz* **ittri@unionprint.com.mt**. *Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġene- rali, mhux każi privati jew personali.*